L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

# Il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE

## Kif l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM twassal għal tkabbir ekonomiku

Li aktar nisa jkunu involuti fl-edukazzjoni STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) ser ikollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, minkejja l-opportunitajiet tajba tal-impjiegi u x-xogħlijiet bi produttività ogħolja f'dan il-qasam, attwalment hemm proporzjon żgħir ta' nisa li qegħdin jistudjaw u jiggradwaw fis-suġġetti STEM[1].

Studju mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) dwar il-"benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi" jippreżenta evidenza ġdida robusta li turi l-impatti pożittivi tat-tnaqqis fl-inugwaljanzi bejn is-sessi fl-edukazzjoni f'pajjiżi żviluppati.

# L-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM tista' trawwem tkabbir ekonomiku

Il-miżuri tal-ugwaljanza bejn is-sessi, bħalma huma t-tneħħija tal-istereotipi tas-sessi fl-edukazzjoni; is-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tas-suġġetti STEM lill-bniet u n-nisa; u gwida għall-karriera sabiex il-bniet jiġu mħeġġa jikkunsidraw li jistudjaw fl-oqsma dominati mill-irġiel u s-subien f'dawk dominati min-nisa, x'aktarx iwasslu għal għadd akbar ta' nisa li jiggradwaw fis-suġġetti STEM. Min-naħa l-oħra, dawn il-miżuri jistgħu jħeġġu aktar nisa jidħlu għal impjiegi minħabba l-prospetti tajba tal-impjiegi fil-qasam ta' STEM attwalment u fil-futur. Fl-istess ħin, żieda fl-impjiegi STEM tgħin sabiex jitnaqqsu n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u l-ostakli eżistenti fis-suq tax-xogħol.

*L-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fi STEM tista' twassal għal 1.2 miljun impjieg addizzjonali.*

L-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM ikollha impatt pożittiv fuq l-impjiegi. L-impjieg totali tal-UE jikber b'850 000 sa 1 200 000 sal-2050. Dawn l-impjiegi huma previsti l-aktar fit-tul, peress li r-rati tal-impjiegi ser jiżdiedu biss wara li aktar nisa li jistudjaw STEM ilestu l-edukazzjoni tagħhom.

**Figura 1. L-effett tal-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fi STEM fuq l-impjiegi**




[1] L-istudju ffoka fuq id-disparità bejn is-sessi fl-oqsma tal-computing u l-inġinerija, minħabba li, meta mqabbel mal-irġiel, l-għadd ta' nisa f'dawn l-oqsma huwa partikolarment baxx. Fil-matematika, l-evidenza ta' disparità bejn is-sessi fil-parteċipazzjoni hija inqas konklużiva fost l-Istati Membri tal-UE.

X'aktarx, l-impjiegi l-ġodda jkunu aktar produttivi minħabba li n-nisa li jiggradwaw minn STEM ta' spiss javvanzaw f'pożizzjonijiet b'valur miżjud għoli f'setturi bħalma huma s-servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni jew dawk finanzjarji u kummerċjali.

Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suġġetti STEM ser ikollha impatt fil-PDG pożittiv u b'saħħtu fil-livell tal-UE. L-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fi STEM tikkontribwixxi għal żieda fil-PDG tal-UE per capita b'0.7–0.9 % fl-2030. Sal-2050, iż-żieda hija ta' bejn 2.2 % u 3.0 %. F'termini monetarji, l-eliminazzjoni tad-disparità STEM twassal għal titjib fil-PDG b'EUR 610–820 biljun fl-2050.

**Figura 2. L-effett tal-eliminazzjoni tad-disparità bejn is-sessi fi STEM fuq il-PDG per capita**




*Ġabra akbar ta' forza tax-xogħol STEM mistennija tkun aktar produttiva, issaħħaħ il-kapaċità produttiva potenzjali tal-ekonomija u tiġġenera żieda fil-PDG per capita.*

Produttività ogħla tal-impjiegi STEM x'aktarx tirriżulta f'pagi ogħla (Il-Parlament Ewropew, 2015). B'mod sinifikanti, l-istudju juri t-tneħħija tad-disparità fil-pagi bejn is-sessi sal-2020. Hemm żieda fl-għadd ta' nisa li jiggradwaw fis-suġġetti STEM u, minħabba l-kisba edukattiva ogħla tagħhom u l-għażla tal-karriera f'setturi b'paga ogħla, in-nisa jesperjenzaw żieda gradwali fil-qligħ medju, filwaqt li jilħqu parità mal-pagi għall-irġiel sal-2050.

*It-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM jista' jtejjeb il-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-UE.*

L-istudju jbassar li n-nisa ser isiru aktar produttivi minħabba rati ogħla ta' kwalifiki STEM, filwaqt li jikkontribwixxu għat-tkabbir intelliġenti previst fl-istrateġija Ewropa 2020. Il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE wkoll mistennija tikseb miż-żieda fl-impjiegi tan-nisa fl-oqsma STEM. Sal-2050, huwa stmat li l-esportazzjonijiet ser jiżdiedu b'madwar 0.7 %, filwaqt li l-importazzjonijiet mistennija jonqsu b'1.2 %, li jwassal għal titjib fil-bilanċ tal-kummerċ.

# Għaliex huwa importanti li tiġi indirizzata d-disparità bejn is-sessi fi STEM?

Minkejja l-proporzjon kbir ta' nisa li qegħdin jiksbu kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, l-inugwaljanzi u d-disparità bejn is-sessi jippersistu f'termini ta' suġġetti u oqsma tal-istudju magħżula. Skont id-*data* mill-Eurostat, fl-2014, in-nisa prinċipalment iggradwaw fis-saħħa u l-benessri, fl-istudji umanistiċi u l-arti, flimkien max-xjenzi soċjali, in-negozju u l-liġi. Għall-kuntrarju, l-irġiel ta' spiss iggradwaw fl-inġinerija, fil-manifattura u fl-oqsma relatati mal-kostruzzjoni, segwiti mit-teknoloġija, ix-xjenza u l-matematika. Minkejja li l-għadd totali tal-istudenti fi STEM żdied bejn l-2003 u l-2013, id-disparità bejn in-nisa u l-irġiel baqgħet kostanti matul dan il-perjodu.

*L-akbar disparità bejn is-sessi fl-edukazzjoni tinsab fl-istudji STEM.*

**Figura 3. Distribuzzjoni tal-istudenti ta' edukazzjoni terzjarja skont il-qasam u s-sess, UE-28, 2014 (%)**[2]




*Sors:* Eurostat (educ_uoe_enrt03).

L-eliminazzjoni tat-tendenza persistenti ta' nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa fost l-istudenti universitarji u l-gradwati STEM hija importanti minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

## 1. Żieda fil-provvista tax-xogħol fis-setturi STEM

Maġġoranza kbira ta' Stati Membri esperjenzaw diffikultajiet severi ta' reklutaġġ fir-rigward ta' ħaddiema STEM b'ħiliet speċjalizzati, b'mod partikolari fl-inġinerija u l-IT. 21 Stat Membru jirrappurtaw diffikultajiet biex isibu professjonisti tax-xjenza u l-inġinerija, u 20 jirrappurtaw l-istess problemi biex isibu professjonisti tal-ICT (*Attstroem et al.*, 2014). Pereżempju, fir-Renju Unit, kien diffiċli li jimtlew aktar minn 40 % tal-postijiet tax-xogħol battala (id-doppju tal-medja tal-pajjiż) fi STEM minħabba nuqqas ta' applikanti.

*L-istimi juru li 7 miljun impjieg ġdid fis-setturi STEM ser ikunu disponibbli fl-UE sal-2025 (Il-Parlament Ewropew, 2015).*

X'aktarx, din it-tendenza ser tkompli: l-opportunitajiet ta' impjiegi għall-inġiniera u l-ispeċjalisti tal-IT huma mistennija li jiżdiedu u jaqbżu bosta impjiegi oħra. Pereżempju, fil-waqt li fis-setturi farmaċewtiċi huwa mistenni tkabbir żero tal-impjiegi bejn l-2013 u l-2025, l-impjieg fil-computing matul l-istess perjodu mistenni jiżdied bi 8 % (Il-Parlament Ewropew, 2015). Il-professjonisti STEM madwar l-UE fil-biċċa l-kbira mhumiex affettwati mill-qgħad u jgawdu pagi ogħla b'mod sinifikanti (Il-Parlament Ewropew, 2015).

## 2. Iż-żieda fl-aċċess tan-nisa għal impjiegi mħallsa tajjeb

Attwalment, fatturi soċjali, kulturali, ekonomiċi, edukattivi u istituzzjonali jsostnu s-segregazzjoni tas-sessi li tippersisti fl-oqsma ta' studju. L-isterjotipar fl-edukazzjoni, id-differenzi bejn is-sessi fl-għażliet edukattivi u ta' taħriġ u n-nuqqas ta' mudelli nisa huma problemi ewlenin li jikkontribwixxu għall-perċentwal baxx ta' nisa li jiggradwaw mis-suġġetti STEM.

Fil-livell individwali, il-fatt li hemm inqas nisa fl-istudji STEM jista' jirriżulta fi prospetti tal-impjieg aktar baxxi u dħul aktar baxx fis-suq tax-xogħol, li fl-aħħar mill-aħħar jirriżultaw f'indipendenza ekonomika aktar baxxa għan-nisa. Dan huwa minħabba li s-setturi relatati ma' STEM kienu qegħdin jikbru ferm aktar malajr minn oħrajn u għandhom pagi ogħla b'mod sinifikanti (Il-Parlament Ewropew, 2015).

L-istudju juri li t-tnaqqis fid-disparità bejn is-sessi fl-oqsma tal-edukazzjoni STEM jista' jgħin sabiex jitnaqqsu l-ostakli fis-suq tax-xogħol, jiżiedu l-impjiegi u l-produttività tan-nisa u titnaqqas is-segregazzjoni okkupazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, dan irawwem tkabbir ekonomiku permezz ta' produttività ogħla kif ukoll żieda fl-attività tas-suq tax-xogħol.

## Referenzi

Attstroem, K. et al (2014), Mapping and analysing bottleneck vacancies in EU labour markets (L-immappjar u l-analiżi ta' postijiet tax-xogħol battala li għalihom m'hemmx biżżejjed ħaddiema fis-swieq tax-xogħol tal-UE), rapport għall-Kummissjoni Ewropea, Skola tal-Ekonomija Ramboll/Erasmus.

Il-Parlament Ewropew (2015), "Encouraging STEM studies for the labour market" (L-inkoraġġiment ta' studji STEM għas-suq tax-xogħol).

Eurostat (2015), *Tertiary education statistics* (Statistika dwar l-edukazzjoni terzjarja). Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics_explained/index.php/Tertiary_education_statistics

[2] *NB:* Id-*data* ċċitata hija l-aktar *data* reċenti mill-Eurostat fil-mument tat-tħejjija tal-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni. Għal aktar informazzjoni u aġġornamenti, jekk jogħġbok żur: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Tertiary_education_statistics

MH-02-17-177-MT-N

# Dwar l-istudju

L-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa uniku fil-kuntest tal-UE. Huwa l-ewwel tat-tip tiegħu li juża mudell ekonometriku robust sabiex tinħoloq stima ta' firxa wiesgħa ta' benefiċċji makroekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'bosta oqsma wesgħin bħall-edukazzjoni, attività tas-suq tax-xogħol u pagi.

Ir-riżultati ġenerali tal-istudju juru li aktar ugwaljanza bejn is-sessi twassal għal:

- bejn 6.3 miljun u 10.5 miljun impjieg addizzjonali fl-2050, b'madwar 70 % ta' dawn l-impjiegi meħuda min-nisa;
- impatti pożittivi tal-PDG li jikbru maż-żmien;
- żieda fil-PDG għal kull ras ta' kważi 10 % fl-2050.

L-istudju uża l-mudell makroekonomiku E3ME sabiex tinħoloq stima tal-impatti ekonomiċi tat-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi. E3ME huwa mudell makroekonomiku empiriku mfassal speċifikament sabiex jitfasslu eżiti fil-livelli tal-UE u tal-Istat Membru.

L-eżiti tal-istudju dwar il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE jinkludu disa' pubblikazzjonijiet:

1. Reviżjoni tal-letteratura: evidenza eżistenti dwar il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-approċċi metodoloġiċi (*Literature review: existing evidence on the social and economic benefits of gender equality and methodological approaches*).
2. Ħarsa ġenerali tal-UE u tal-Istat Membru tal-UE (*EU and EU Member State overviews*).
3. Rapport dwar l-applikazzjoni empirika tal-mudell (*Report on the empirical application of the model*).
4. Kif ġiet prodotta l-evidenza: dokument informattiv dwar il-qafas u l-mudell teoretiku (*How the evidence was produced: briefing paper on the theoretical framework and model*).
5. Kif ġiet prodotta l-evidenza: skeda informattiva dwar il-qafas u l-mudell teoretiku.
6. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-politika tal-UE: dokument informattiv.
7. Impatti ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi: dokument informattiv.
8. **Kif l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni STEM twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.**
9. Kif it-tneħħija tad-disparità tal-attività tas-suq tax-xogħol bejn is-sessi u tal-paga twassal għal tkabbir ekonomiku: dokument informattiv.

Il-pubblikazzjonijiet kollha, ir-riżultati ta' studju dettaljat u l-metodoloġija jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-EIGE.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdilhom għarfien espert speċifiku u *data* komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

**Għal aktar tagħrif:**
European Institute for Gender Equality, EIGE
Gedimino pr. 16
LT-01103 Vilnius
LITHUANIA
Tel. +370 52157444
E-mail: eige.sec@eige.europa.eu

http://eige.europa.eu
http://www.twitter.com/eurogender
http://www.facebook.com/eige.europa.eu
http://www.youtube.com/eurogender
http://eurogender.eige.europa.eu/

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9470-041-4
doi:10.2839/823942